Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 284 & 296/2015

Il-Pulizija

(Spettur Louise Calleja)

vs

**Stephen Mifsud**

**ommisis**

Illum, 14 ta' Mejju, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Stephen Mifsud, iben Carmel, imwieled Pieta' , fit-8 ta' Lulju, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 425172 (M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, bil-hsieb li jezorcita flus jew xi haga ohra, jew li jghamel xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe' lil Noel Galea, jesegwixxi, jiddistruggi, jqalleb jew jbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jghamel jew jonqos milli jghamel xi haga, hedded li jghamel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u permezz ta' dan it-theddid wasal fil-hsieb tieghu billi ggwadanja elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200) li jammontaw ghal elfejn, seba' mija u hamsa u disghin euro (€2,795);

Fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, xjentement ghex, ghal kollox jew f' parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra.

Irrenda ruhu recidiv b' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrti (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 250, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 (1) u (3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet Stephen Mifsud hati tal-ewwel imputazzjoni – pero kif diga inghad il-gwadann tieghu kien ta' elfejn erba' mija u disa' u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2,489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih, u kkundannatu ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Stephen Mifsud hati tal-hames (5) imputazzjoni, u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tad-19 t' Ottubru 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u trattat mieghu ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini kkonfermat l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, rrevokat l-Ordni ta' Probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tal-Government Notice 292/1939 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-imsemmi Stephen Mifsud ghal multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00)

In oltre, ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill- imputat Stephen Mifsud sabiex *in solidum mal-allura ko akkzuata Pauline Pisani* bejniethom, ihallsu lill-kwerelant Noel Galea s-somma ta' elfejn erba' mija u

disa' u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – rapprezentanti l-gwadann illecitu li huma ghamlu ghad-dannu tal-istess Noel Galea.

Ghal finijiet ta' protezzjoni tal-identita tal-vittma, il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni bi kwalunkwe mezz ta' isem il-vittma.

Rat l-aggravji tal-appellanti Stephen Mifsud u cioe' :-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ghar-rigward l-ewwel akkuza, l-Ewwel Qorti kienet aktar preokkupata bl-identifikazzjoni ta' l-appellanta milli jekk il-prosekuzzjoni pprovat l-elementi kollha tar-reat ta' rikatt. Mill-fatti u evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni t-talbiet ghal flus ta' l-appellanta lil Noel Galea ma kienetx kombitata ma theddida jew kundizzjonijiet, bhal per ezempju li jekk ma jhallasx kienet se tirrapportah lill-pulizija ghaliex kienet taht l-eta. It-talbiet ghal flus kienu marbutin ma' problemi medici li l-appellanta setghet kellha jigifieri li kienet tqila u riedet taghmel abbort u li kellha infezzjoni fl-buzzieqa ta' l-urina. Il-prosekuzzjoni ma pprovatx lil hinn minn kul dubju ragonevoli li kien hemm xi kundizzjoni mal-fatt jekk Noel Galea ma jhallasx.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jidher car li l-appellanta ma gieghletx lil Noel Galea sabiex jiddistruggi, jqalleb jew jibiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga. Jidher car li Noel Galea hallas lill-appellanta u l-ko-akkuzata, ghaliex beza minn vjolenza ta' Stephen Mifsud u minhabba li kien gie informat li l-appellanta kienet tqila u riedet taghmel abbort u li kellha infezzjoni. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element li l-appellanta heddet lil Noel Galea ghaliex kienet se taghmel denunzja jew kwerela kontra jew li taghti malafama lill-istess Noel Galea. Dan l-element huwa totalment assenti. Kien il-parte civile li mar ghand missieru b' mod volontarju u kien biss frott ta' pressjoni ta' sitwazzjoni li kien partecipi fiha.

Illi b' hekk l-appellant ma setgha qatt ikun hati ta' din l-akkuza. Setgha jkun hati ta' reati ohra, izda certament mhux l-ewwel akkuza;

Illi t-tieni aggravji jikkonsisti fil-piena li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat lill-appellanti. It-terminu ta' tlett snin prigunerija hija ugwali ghal massimu tal-piena ta' l-ewwel akkuza, l-Artikolu 250(2). L-appellanti ma jaqbilx li Noel Galea kien ta' Lm1,068.60, izda kien ta' Lm789.70. Skond il-provi tal-prosekuzzjoni fit-30 ta' Awissu 2007, l-Pauline Psiani kienet talbet Lm500, izda l-kwerelant kull ma kellu fuqu kien Lm186.35 u imbaghad marru l-ATM u ta' Lm100. Fis-7 ta' Settmbru 2007 Galea kien ta' Lm1,12.35 fejn il-frabbrika fejn jahdem. Dan in-nhar filghaxijiet kien rega ta' Lm250 u finalment missieru kien ta' Lm150.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-appellant tirreleva li minn meta sar ir-reat sas-sentenza, li ghaddew kwazi tmien (8) snin, l-appellant rriforma ruhu u mhux aktar dipendenti mid-droga u qed jipprova ighix hajtu lil hinn mill-hajja ta' kriminalita

Ghaldaqstant l-appellant talab riforma fis-sentenza appellata fis-sens li din il-Qorti tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni u tielet akkuza u tirriformaha fir-rigward dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel, ir-raba' u l-hames akkuza billi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appel nhar is-7 ta' Marzu 2017 fil-konfront tal-allura ko-akkzuata Pauline Pisani fejn ikkonfermat is-sentenza appellata fil-

konfront taghha fir-rigward htija pero′ minflok it-tlett snin ta′ prigunerija imposti mill-ewwel Qorti ikkundannat lill Pauline Pisani ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba′ snin u hasret dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kienet ordnatilha thallas is-somma ta′ €2489.17 *in solidum* mal-appellant odjern lill-kwerelanti Noel Galea.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta′ Frar, 2020.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rikors tal-appell l-appellant jghamel zewg aggravji, fl-ewwel wiehed jargumenta li l-ewwel Qorti m′ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif prodotti quddiemha u fit-tieni lok il-piena imposta hija wahda eccessiva u ma kellhiex ghalfejn tikkundanna lill-appellant ghal peina ta′ prigunerija stante li huwa m′ghadux dependenti fuq id-droga, ghaddew tmien snin minn meta gie kommess l-allegat reat u in oltre kien qabad it-triq it-tajba lil hinn mill-hajja ta′ kriminalita.

Dwar l-ewwel aggravju u cioe′ dak ta′ nuqqas ta′ apprezzament tal- provi jinghad is-segwenti: Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta′ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta′ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta′ l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f′dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et**.[1]"; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]" ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

[1] Deciz fit-12 ta' Mejju, 1994
[2] Deciz fl-14 ta' Frar, 1989
[3] Deciz fil-31 ta' Mejju 1991
[4] Deciz fil-31 ta' Mejju 1991
[5] ([1969] 1 QB 276)
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciz fl-1 ta' Diembru 1994

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk sabiex tara jekk in effetti l-ewwel Qorti ghamlitx gudizzju '*safe and satisfactory*' ghandha tezamina dak kollu li qal kul xhud prodott sabiex jixhed f'din il-kawza u tezamina kull dokument esebit minnu ghall-istess fini.

L-allura spettur **Louise Calleja** xehdet nhar is-27 ta' Jannar, 2010 u kkonfermat li kienet irceviet kwerela minghad Dr Pullicino ghan nom ta' certu Noel Galea fejn infurmaha li kien hemm *black mail* min naha ta' zewg persuni li ghalih kienu mgharufa bhala 'Roberta' u 'Jason'. Hija baghtet ghal dan Noel Galea nhar l-4 ta' Ottubru, 2007 u talbitu jisppjegalha x'kien gara. Dan spjegalha li fit-30 ta' Awwissu, 2007 ghal habta tat-3.15 pm hu mar ifittex is servizz ta' prostituta gewwa l- Marsa bil-vettura tieghu tal-ghamla Hyundai Accent ta' kulur iswed numru ta' registrazzjoni NOE 176. Hemmhekk il-Marsa iltaqa' ma prosituta u qaltlu li sabiex ittih dan is-servizz li xtaq ridet LM20 u maghha hadet condom. Qal li kien talabha sabiex ikollu sess orali izda ighid li hi insistiet li ikolha *full sex* mieghu u dan accetta. Wara hames minuti li kien qed jinghata dan is-servizz din il-prostituta waqfitu u qaltlu li kellha l-biza ghaliex il-kontraccetiv li kienet qed tuza infaqa' qal li bdiet tippanikja u li kien ser ikollha hafna problemi ghaliex kienet taht l-eta' u li kienet ser tiswiha xi LM 500 biex tabbortixxi.

Qaltlu biex joqghod fil-karozza u li kienet ser tohrog biex tghid lir-ragel x'gara u dan ghaliex qaltlu li zewgha kien fil-vicin tal-karozza fejn kienet qed taghti dan is-servizz sesswali. Intant harget mill-vettura u giet lura flimkien ma ragel li iddeskriva li kien ragel qasir, libes beritta u li kellu xi tatoos kemm fuq idejgh kif ukoll fuq saqajh u li f'idu kellu ukoll gebla kbira xi tmien pulzieri.

X'hin ra din is-sitwazzjoni vera beza u induna li kienet xi loghba u qallhom '*isma ghiduli xi tridu*?' u dan sabiex johrog minn dik is-sitwazzjoni. It-tnjen staqsewh ghal flus u dak il-hin hareg il-flus mill-wallet u tahom LM 180 ghaliex ma kienitx ghadha saret l-*conversion* pero' huma insistew li riedu iktar. Ghalhekk mar l-ATM u gabar iktar flus u mieghu mar dan ir-ragel sabiex ikun jista' jigbed. Minn hemmhekk Noel gibed LM100 u sa dak il-hin kien waqaf kollox. Dak il-hin dan ir-ragel qsajajr identifika ruhu bl-isem ta' 'Jason'.

Fis-7 ta' Settembru, 2007, din il-persuna regghet avvicinat lil Noel il-kwerelant u din sabitu waqt li kien hiereg mix-xoghol il-Marsa stess u qaltlu li ridet iktar flus minghandu ghaliex kellha bzonn tmur l-Ingilterra u bdiet ittih indications li ridet taghmel l-abbort. Bil-biza li kellu ma kellux ghazla ohra salv li itiha LM100 ohra u hekk ghamel. Jiftakar li dakinhar spicca tahom LM 500. Apparti li kellu ihallas ukoll ghas-ervizz sesswali li kien ha minghand din 'Roberta' u fil-fatt anke taha in-numru tat-telefon tieghu ghaliex hassu imbezza minnha.

Imbaghad mar id-dar u ircieva telefonata minn '*unknown number*' u il-persuna identifikat ruhha bhala 'Roberta' u qaltlu biex imur hdejhom ghaliex inkella kien ser jispicca fi *trouble* u wara kelmu ukoll il-persuna li idientifika ruhha bhala 'Jason' u qallu '*titnejjikx bina...ghax inkella inqabdulek il-karoza u kif ukoll id-dar, nafu x'karozza tuza u nafu fejn toqghod*.' Noel iddecida li imur jerga jiltaqa' maghhom u dan mar Hal Qormi.

Hemmhekk giet din 'Roberta' u 'Jason' flimkien ma ragel iehor li ma kienx jaf min hu li pprezenta ruhu bhala missier 'Roberta' . Dan 'Jason u Roberta qalulu li kellhom tifla li qed tbati minn kancer u li kellhom bzonn johduha l-isptar l- Ingilterra ghat trattament allura regghu staqsewh ghal flus.

Noel mar lura ir-residenza tal- genituri tieghu gewwa l-Msida u minn hemmhekk gab LM 250 minghand missieru. Mar lura fejn kien iltaqa' maghhom fil-bidu u tahomlhom. Appena mar lura id-dar Noel tkellem mal-genituri tieghu dwar dak li kien ghaddej u dan ghamlu ghaliex hass ruhu bezghan u ma felahx igorr il-piz wahdu.

L-ghada marru jitolbu l-parir ta' avukat pero imbaghad fit-8 ta' Novembru, 2007 din 'Roberta' regghet cemplitlu u din id-arba qaltlu li kellha infezzjoni fil-*blooder* taghha. Missier Noel qabat it telefon fejn qallha biex ihallu lil ibnu bi kwietu u qallha kemm tridu flus biex ihalluhom bi kwiethom u talbitu LM 150 ohra. Missier Noel flimkien ma Noel marru hdejn din 'Roberta' u 'Jason' u ghaddewlhom dawn il-LM150 Missier Noel innota li din 'Roberta 'ukoll kellha xi tpingija fuq spallitha kif ukoll fuq sidirha. Hemmhekk imbaghad waqaf kollox.

Hija ghamlet chart ta'nisa li jghatu dan is-ervizz sesswali il-Marsa u fost l hdax-il persuna ghamlet ritratt ta' Pauline Bugeja u stidnet lil Noel imur l-ghassa jara din ic-chart u jara jgharafx xi persuna u mill-ewwel indika lil Pauline Bugeja u dan bhala il-persuna li kienet indika bhala 'Roberta'. Kienet taf li Pauline Pisani kienet qeda ma l-appellant odjern u ghalhekk ghamlet chart iehor bi tnax-il ragel fosthom tal-appellant odjern. Regghet ghajtet lil dan Noel imur ghandha u fil-presenza ta' PS 656 identifika lil Stephen Mifusd bhala dak li iddiskriva bhala 'Jason'.

Hija imbaghad bagthet kemm ghal Pauline Pisani kif ukoll ghal Stephen Mifsud li sa dak iz zmien kienu gew kkundanati sentenza ta' priguneriaj u ghalhekk kienu qedin il-habs u kelmihom fil-31 ta' Marzu, 2008.

Hija tkelmet mal-appellant ghall-habta tat-3.30p.,m u tatu is-solita twissija u irrisponda ghal certu mistoqsijiet izda mhux ghal kollha pero taf li innega l-involviment tieghu fir-rigward tar-rapport li kellha Hija esebit l-istqarrija tal-appellant li gie markat bhala dok LC1 u minkejja ic-cahda tieghu dwar involviment hija resqitu il-Qorti a bazi tal- identifikazzjoni tieghu li kien ghamel Noel Galea l-ghassa.

Illi nhar is-27 ta' Jannar, 2010 hija pprezentat il-kwerela li semmiet li giet markata bhala dok LC 2.

Nhar il-15 ta' Gunju 2010 ipprezentat zewg sentenzi wahda datata 19 ta' Ottubru, 2005 u ohra fil-11 ta' Mejju, 2005 liema zewg sentenzi kienu definittivi u dawn gew markati bhala dok LC1 u LC 2 [8]rispettivament.

**Noel Galea** xehed nhar is-27 ta' Jananr, 2010 u spjega li ighix Flat 6, Porto Vecchio Censu Farrugia Street ,Msida u muri zewg settijiet ta' ritratti li kienu gew murija lilu waqt l investigazzjoni mizmuma mill-pulizija kkonferma li kienu gew murija lilu gewwa il- Vice Squad Muri id- dokument LC 3 huwa mmarka b'subajgh in- numru 3 bhala l-persuna li kien wera lill-pulzija bhala l-persuna li kien identifika bl-isem ta' ''Roberta' Muri id-dokument markat bhala dok LC 4 ighid li in numru 7 huwa tal persunal li kien identifika bl-isem ta' 'Jason'. Spjega illi huwa kien jghamel uzu min vettura tal- ghamla Hyundai Accent nurmu ta' registrazzjoni NOE 176 u kkonferma li kien rikkeb kemm lil 'Roberta' kif ukoll lil dan 'Jason' fil-vettura tieghu. Qal li fit-30 ta' Awwisssu ,2007 kien tahom zewg pagamenti wahda fl-ammont ta' LM 20 u wahda f'ammont ta' LM 186.25. Qal li imbaghad bil-visa BOV gibdedxi fous u tahom lil Jason li dak il-hin kien ghadu fil-karozza tieghu jistennih.

Jghid li fis-7 ta' Settembru din 'Robeta' kienet ratu fit-triq u marret fuqu u staqsitu kemmm kellu flus fuqu u qallha li kellu M 100 u talbitu kollox u kellu LM 112.35 u dakinhar mar id-dar u marret mieghu u taha LM 250. Fil-ghaxija regghu cemplulu u

---

[8] Fol. 86 et seq

rega mar id-dar u taha LM 250 ohra Issa l-ahhar gurnata meta ta' xi flus kienu LM 150 li kien harighom missieru.

B'kollox wara li inaqqas l-LM 20 li kien taha ghas servizz sesswali jikkalkula li kien tahom is-somma ta' LM 1068.60 ekwivalenti ghal €2, 443 euros. Qal li minn dak in-nhar 'l quddiem qatt ma rega iltaqa' maghhom u ma tahom xejn iktar.

Mistoqsi jek jgharafx lil persuni fl-Awla ighid li ghall-ewwel ma gharafx lill-Pauline Pisani ghaliex kien raha biss taht il-ghajn peress li dahal gewwa l-Awla u tela mill-ewwel fuq il-pedana tax-xhieda u beda jiddeponi u ma haris lura izda meta hares lura innota li kemm hi kif ukoll l-persuna ta' hdejha kienu iz-sewg persuni li tahom l-flus. Mistoqsi jekk kienx rahom barra fil-kuritur tal-Qorti jew dehlin fl-Awla ighid li ma rahomx ghaliex kien hareg barra ipejjep.

Mistoqsi jispejga fejn kien iltaqa' maghha jghid li kien iltaqa' maghha il-Marsa hdejn l Intercomp hdejn ghalqa u kiemn hemmhekk fejn kellu x jaqsam maghha hdejn il-*containers* u kellu jidhol bejniethom u hadd ma seta jarah hemmhekk. Mistoqsi kemm kien hemm containers jghid li kien hemm hafna u dam idur bejneithom. L incident kien sehh xi sentejn u nofs qabel ma gie imsejjah jixhed u ghalhekk nesa kemm ezatt kien hemm containers. Mistoqsi jekk kienx hemm security ighid li ma kienx hemm.

Mistoqsi jekk jgharafx lil 'Jason' fl-awla ighid li jgharfu u qal li jiftakar li wara li kien mar ma Pauline din qaltlu li l-*condom* li uzw kien imtaqqab u qaltlu li kienet ser tmur tghid lir-ragel. Jiftakar li kien imsakkar bejn *containers* bil-vettura tieghu u ftit wara li telqet irritornat ma ragel u introducietu bhala 'Jason'. Kellu gebla f'idu u kien ser igarahielu . Dak il-hin ma setghax jiccaqlaq u fil-pront induna li kient nasba, Staqsietu kemm kellu flus fuqu u hareg il-kartiera u qallha li kellu LM100. Taha il-LM100 u ridet kul ma kellu u ghalhekk taha LM186.35 . Qal li ghandu kollox miktub ghaliex zamm il-karti Imbaghad mar 'Jason' fuqu u qallu biex imorru sal- cash link . Kif kienu sejrin lejn il-cash link innota minn taht l- ghajnejn ra lil Pauline tirkeb

f'karozza ma wihed u telqu jigru. Wasal hdejn il-cash link u pparkja quddiemha u ghadda LM100 lil 'Jason'. Dak il-hin imbagada mar id-dar.

Fis-7 ta' Settembru, kif kien hiereg mix-xoghol tfaccat Pauline u qisha ggranfat mal-bieba tal-vettura teighu. Dak il-hin ghalhekk ma setghax isuq u bdiet iggiblu hafna skuzi u tghidlu *'ieqaf ieqaf'* ghax kellha xi problemi beix tnehhi kollox kien ser jisqiha LM500. Qallha li fuqu flus kellu LM100 u talbitu kul ma kellu biex tara u taha kul ma kellu fuqu u cioe' LM112.35. Dawn il-flus talbithomlu ghaliex qaltlu li ridet tabbortixxi . Jghid li kien jaf li kienet skuza izda ma jafx x'kellha fil-hand bag kienitx armata u beza minnha.

Imbaghad ridet tmur id-dar tieghu ha jigbor aktar flus u marru flimkien sad- dar tieghu. Qaltlu biex jieqaf quddiem il-bieb u qallha biex ma tghamillux kummidji ghax fil-kaz huma jaharqulu id-dar. Kien hemm lehen ta' ragel fut it- telefon li qallu dan il-kliem . Dan ir- ragel fuq it- telefon qallu biex joqghod attent ghaliex jaharqulu id- dar u l-karozza u beza minnu u mill-ewwel kexxun li sab ta' missieru ha is-somma ta' LM250 u tahomlha u qaltu biex iwassalha hal- Qormi u wassalha hdejn il-Pavi.

Imbaghad mar jsitrieh id-dar u ghal habta tas-7.15 rega beda jircievi telefonati anonimi imbaghad wiegeb u sab lil din 'Roberta' u qaltlu biex imur ghaliex kellhom xi problemi u biex ma jippanikjax qabad u mar jigri 'l barra u mar jiltaq' maghha hdejn il- Pavi u qaltlu li kienu ser imorru hdejn missierha u kellu joqghod attent ghaliex dan jaqbizlu. Hemmhekk sab lil dan 'Jason' u cioe' l-akkuzat odjern. U it tnejn li huma qalulu biex imorru id- dar beix jogbor xi flus .

Fil-karozza kien qed isuq hu u hdejh quddiem kien hemm din 'Roberta' u fuq wara qaghad l-akkuzat u rega feta hil-kexxun ta' missieru u ha LM250 minn hemm u missieru staqsih x' kien qed jigri u mar u tahomlhom . Dak il-hin qal lil Jason li missieru kien induna u x' kien ser ighidlu u 'Jason' qallu biex ighidlu li kien habat ma Rover u li kien it-tort tieghu . Izda iddecida li ighidilhom il-verita . Dak il-hin

regghet cemplet u ridet iktar flus u qabad it- telefon missieru u qallha kemm ridet biex l- istorja tieqaf hawn u talbitu LM150. Dan tahomlha ukoll hejn l Aviz l- Msida fejn hanut tal kebabs. 'Jason' qabez u qallu li ma kellux ghalfejn idahhal lil missieru fin-nofs meta rah inkwetat. Minn dak in-nhar il-quddiem ma sema xejn aktar dwar l-akkuzuat u 'Roberta'.

Ikkonferma li meta irrapora il-kaz lill-pulizija dan gie muri zewg settijiet ritratti biex jara jekk jgharafx lil din 'Roberta' u lil dan 'Jason'. Qal li gie muri zewg kartuni wiehed b' ritratti tal irgiel u l-ohra b'ritratti tan-nisa u gharafhom. Jghid pero li din 'Roberta' kienet hafna iktar irqiqa fir- ritratti milli fil-hajja.

Huwa ipprezenta in-notamenti tieghu dwr il-flus li kien ghadda lill-akkzuat u lil 'Roberta' u dan fl-ammont ta' LM1,068.60 ekwivalenti ghal €2,442.58 leima nota giet markata bhala dok NG[9]

Huwa rega xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2011[10] u kkonferma dak kollu li kien stqarr quddiem il-Qorti qabel quddiem Magistart iehor.

**PS 656 Adrian Lia** ighid[11] li Noel Galea kien mar ghandhom wara li Dr Pullicino kien baghat kwerela lill-pulizija fuq kaz ta' blackmail u hemmhekk kien qallhom dak li kien ghadda minnu u x'kienu ghamlulu zewg persuni li kienu gewwa l- Marsa. Huwa kien ikkonferma dak li kien ghadda minnu Noel Galea kif spjegat minnu *viva voce* il-Qorti . Pero' zied ighid li Noel Gala kien tahom il-fattizi ta' dawn il-persuni u ghalhekk kienu ghamlu sett ta' ritratti biex jaraw jekk setghax jindika minn kienu. Ir-ritratti huma dawk fid-dok LX 3 u kien hu li ghazilhom mill-file taghom. Fuq dan id-dokument LC 3 kien indika in-numru 3 li hija Pauline Pisani u mid-dokument LC 4 fejn kien hemm sett ta' ritratti tal-irgiel kien gharaf in- numru 7 li kien tal-akkuzat odjern. Huwa gharaf ukoll id-dok LC 1 li hija l-istqarrija rilaxxjata mill-akkzuat odjern . Ikkonferma li Noel Galea kien qallu li hadulu flus f 'okkazzjonijiet differenti

[9] Fol 74
[10] Fol.. 111
[11] Seduta 14 ta' April 2010 fol. 75.

u f'ammonti differenti . Jghid li l-ammonti flimkien kienu jeccedu l M1,000 jekk mhux sejjer zball is-somma kienet tammonta ghal LM 1030.

In kontro esami nhar il-5 ta' Ottubru ,2011[12] qal li huwa ipprezenta ir ritratti tieghu u fuq l-indizzji u fatizzji li kien tahom u qalilhom fejn kien iltaqa' maghha din it-tfajla u mill-patrols li jzommu huma jafu min ikun fejn u ghalhekk meta gabar ir- ritratti Noel kien identifika l-istess persuna li hasbu fiha huma. Jghid li kien jaf li dak iz-zmien Pauline Pisani keinet mizzewga mal-akkzuat jew kienet il- partner tieghu u ghalhekk meta giet identifikata Pauline gabru ritratti tal- irgiel u poggew ritratt tal-akkuzat fosthom u mill-ewwel gharaf lill-akkzuat odjern.

**Superintendent J Gatt** xehed[13] nhar il-15 ta' Gunju, 2010 u gharaf id-dok LC 2 bhala is-sentenza li inghatat fil-konfront tal-akkuzat Stephen Mifusd u Pauline Pisani. F'dik is-sentenza huwa kien l-ufficcjal prosekutur u gharaf lill-akkzuat odjern bhala l-istess Stephen Mifsud kontra min inghatat din l-istess sentenza LC2.

**Carmen Galea** xehdet fil-15 ta' Gunju, 2010[14] u qalet li fil-jum tal-Vittorja, 7 ta' Settembru 2007 kienet id-dar fil-kcina u mar it-tifel taghha Noel Galea li kien riqed u talabha tghamillu kikra te. Staqsitu jekk kienx ser johrog u qallha li iva. Zewgha mar fuqha u qallu li binhom Noel mifxul u qallu li kien ha l-flus li kellu fil-kexxun . Imbaghad qallu li xi gimgha qabel kien sejjer ghax-xoghol u kien habat ma karozza u qallu li kien ghamel xi hsara fil-vettura l-ohra u ghalhekk ried is-somma ta' Lm500. Qallu mela l-affarijiet hekk la pulizija u lanqas insurance u dak il-hin infaqa' jibki u qallu li mhux veru kien habat.

Qallu li meta kien hiereg mix-xoghol kien hemm tfajla titlajja u rikkibha u marru l-Marsa u f'xi hin qaltlu li kienet harget tqila qaltlu li ridet il-flus biex tmur tghamel abort u li kienet sejra tghid lir-ragel taghha. Dak il-hin mar ragel fuqu b'gebla f'idu u qallu li ried il-flus. Fuqu flus ma kelluxu ghalhekk marru jigbdu il-flus mil-visa

[12] Fol. 140
[13] Fol. 93
[14] Fol. 97

tieghu. Qal li kien qed jibza' li kienu ser jirrikattawh. Dak il-hin rega cempel it-telefon u kien hemm din it-tfajla li qalet li jisimha 'Roberta' u qaltlu li hija ghandha biss sbatax-il sena u li ibnu kien taha infezzjoni fil-buzzieqa tal-awrina u ridet iktar flus. Hija bdiet tibki u tghajajt li kienet qed teqredilha familja u zewgha hadilha t-telefon minn idejha. Qaltilha li kellha tifla marida bil-kancer u ma emnithiex. Zewga qalilhom xi iridu biex l-istorja tieqaf hawn u dak il-hin binha telaq ma missieru biex ituhom xi flus. Ghaddew minn biza' kbira kul meta idoqq it- telefon jew icempel il-bieb ta' barra. Kienu qed ighixu fl-infern minhabba fihom. Qalet li id-dar fil-kexxun kien hemm LM750 f'zewg enevelopes izda t- tifel ha s-somma ta' Lm500.

In kontro esami nhar il-11 ta' Mejju, 2011[15] tghid li ma gharfitx il-persuna li tkelmet maghha fuq it telefon izda ftakret li qaltilha li ghandha sbatax-il sena u li kienet tqila u tghid li qatt ma iltaqghet maghha izda kien ir -ragel taghha li mar ma binha biex itiha il-flus.

**Victor Galea** xehed nhar il-15 ta' Gunju 2010[16] u kkonferma li jigi missier l-kwerealnt Noel Galea u jghid li jiftakar xi jumejn jew jum qabel it-8 ta' Settembru, 2007 it-tifel kien ha xi flus mill-kexxun tad-ar u qalilhom li kien habat ma karozza u dak li habat fih kien qed jirrikattah. Il-mara daret fuqu u qaltlu kif jista jkun qed jirrikattah ghax hbat fih u lanqas dahhaltu l-pulizija . Dak il-hin cemplet mara u t- tifel ha t-telefonata u dar fuqhom u qalilhom qed tara qed terga tirrikatah u qed jitolbuh il-flus. Talbu jghaddilu it-telefon u kellimhom hu. Qalilhom ara x' ghandu itikom it-tifel ha jaqtawhau sabiex ihalluhom bi kwiet ghaliex ma kellhomx bzonn dan l-inkwiet.Talbuh LM150 u ftiehmu li jiltaqghu maghha hdejn l- HSBC l- Msida . Hemmhekk iltaqa' maghha u tahomlha u kien hemm ragel maghha libes beritta u bid-daqna. Ir ragel qallu ghalfejn dahhalt lil missierek fl-istorja u qabez hu u qallu li mhux ibnu hu. Qal li sa fejn jaf hu ibnu tahom ll fuq min LM 1000 b'kollox.

---

[15] FOl. 128
[16] Fol. 103

In kontro esami nhar il-11 ta' Mejju, 2011 ighid li kienu zewg persuni li kienu qed iheddu lit-tifel mara u ragel. il-mara kienet irqiqa hafna waqt li r- ragel kien libes beritta.

In kontro esami mitlub jghid jekk jgharafx minn kienu dawn iz-zewg min nies jghid li ma jistax ghaleix kien ghadda iz zmien u meta rahom kien taht tensjoni u ansjeta kbira tant li ghadu ibaghti biha sa dak in-nhar li xehed.

L-akkuzat ma xehdx pero' kien irrilaxja stqarrija nhar il-31 ta' Marzu ,2008[17] u qal li kien qed jirrisjedi gewwa il--Facilita Korrettia ta' Kordin jiskonta sentenza ta' 'prigunerija ta' erba' snin fuq kaz fejn kien talab xi flus . Jghid li kien ilu hemm xi sitt xhur. Mistoqsi jekk kienx ghamel xi perijodu iehor il-habs qal li iva tlett snin u sitt xhur fuq kaz ta' droga. Mistoqsi jekk jafx lil Noel Galea jghid li ma jafux u mistoqsi x' ghandu xi jghid dwar ir -raport li ghandhom li hu u Pauline Pisani kienu talbuh xi flus ghazel li ma iwegibx. Mistoqsi jekk hux minnu li Pauline u huwa talbuh xi flus jghid li huwa ma talab xejn. Mistoqsi jekk hux minnu li kien mar hdejn dan Noel meta kien ma Pauline jghid li mhux veru. Mistoqsi jekk hux minnu ghandu tattoos iwiegeb fl-affermattiv u jghid li huwa minnu ukoll li gieli jilbes il- beritta; Jghid li lilu ma tahx xejn flus minkejja li ma jichadx li kien ma Pauline. Jghid li lilu ma tah xejn. Pero ghal diversi domandi ohra li sarulu ghazel li ma iwegibx kif del rsto kellu kul dritt li jghamel.

Illi min nesami tas-suespost jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi l-parte civile Noel Galea kellu x' jaqsam ma tfjala li in segwitu giet identifikata bhala Pauline Pisani u hallasha is-somma ta' LM 20 ghal dan is-servizz.
2. Illi in segwitu din it-tfajla ikkrejat u ivvintat storja u cioe' li kienet harget tqila minnu u ghalhekk ridet tabbortixxi u talbitu ghal xi flus.

[17] Dok LC 1 fol; 41

3. Illi dan sehh fil-presenza tal- kkuzat odjern li fil-fatt beda jhedded lil Noel Galea li kien sr jahraqlu l- karozza u d-dar jekk ma jikkooperax mieghu.
4. Tant li sahansitra anke rikeb mieghu fil-karozza tieghu tal-ghamla Hyundai Accent sabiex imur mieghu biex jibded xi flus bil Visa mill-kont barnkarju tieghu mal -BOV.
5. Jidher li fuq medda ta' zmien dan Noel Galea ghadda diversi somom ta' flus lill-akkuzat u Pauline Pisani u dan ghaliex kien qed jigi mhedded minnhom u kien jibza minnhom.
6. Illi Noel Galea fetah qalbu mal-genituri tieghu Carmen u Victor Galea li kkonfermaw li kienu prezenti meta din Pauline kienet iccempel u titlob flus lil Noel Galea u li f 'okkazzjoni wahda missier Noel mar mieghu biex ighaddilha l- flus meta kienet fil-kumpanija tal -akkuzat.
7. Jidher li Noel Galea zamm amment tal- flus li ghadda lilha u cioe' l-ammont ta' Euro 2,443 u dan f'okkazzjonijiet separati u dan meta l-istess akkuzat u Pauline Pisani ma kienux intitolati ghalihom.

L-imputat gie akkuzat bir-reat ravvizat bl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali:

250. (1) *Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.*

*(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.*

L-istess Kodici jistabbilixxi dak li jammonta kemm ghal kwerela kif ukoll ghal denunzja:

*535. (1) Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi ex officio….*

*536. Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi….*

*538. Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal ħati, jekk magħruf, jew, jekk mħux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra biss.*

Issir riferenza ghad-decizjoni moghtija fl-ismijeit **<u>il-Pulizija vs Ruth Frau</u>**[18], fejn ghamlet referenza ghal sentenza preliminari tal-Qorti ta-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Maestà Taghha r-Regina kontra Geraldu Cassar et</u>**[19]:

*Ir-reat ta' rikatt aggravat bil-kosegwiment tal-lukru kontemplat fl-artikolu 263(2) [illum 250(2)] tal-Kodici Kriminali hu reat istantanju u mhux permanenti, imma billi l-effett tieghu, cioè l-biza tad-denunzja inkulkata fis-soggett passiv tista' u* generalment tibqa' *tipperdura, jippresta ruhu hafna ghar-ripetizzjoni jew ghal forma kontinwata (skond is-solita regola jekk l-attijiet sussegwenti ikunux l-effett ta' rizoluzzjoni gdida kull darba jew tar-rizoluzzjoni originali u unika) u dan anke fis-sens li l-estorsjoni tal-lukru, fl-izvolgiment ulterjuri tad-delitt (jew kontinwat jew semplicement ripetut), ma jkollhiex ta' kull darba l-bzonn tar-ripetizzjoni espressa u formali tat-theddida, u dan ghar-raguni ovvja li l-persuna rikattata, darba li tilhaq tigi sufficjentement impressjonata, tkun lesta ccedi ghal kwalunkwe domanda estorsiva li terga' ssirilha mill-kompartecipi originali tad-delitt, liema domanda ma jkollhiex bzonn ta' formuli specjali ghax tinftiehem, basta li dawk li ghandhom jiggudikaw mill-fatti jkunu sodisfatti li l-attijiet il-godda jkunu kkuluriti mill-intenzjoni doluza mehtiega ta' l-agent u mill-effett estorsiv attwalment ezercitat fuq l-animu tas-soggett passiv li, kif hu risaput bhala karatteristika ta' dan id-delitt fahxi, spiss isir qisu awtoma li r-rikattatur jilghab bih kif irid u meta jrid.*

Imbaghad fis-sentenza Il-Pulizija v. Edgar Apap[20] gie deciz li:

---

[18] Deciza mill-Qorti tal Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Dr Donatelle Fredno Dimech nhar l-4 ta' Lulju 2017

[19] Dec: 2 ta' Lulju, 1975 per S.T.O. Prof. J.J. Cremona, Onor. Maurice Caruana Curran B.A., LL.D., u Onor. Victor R. Sammut B.A., LL.D.

*Il-ligi tikkontempla d-delitt ta' rikatt li jigi kommess bil-hsieb, fost ohrajn, li jsir xi qliegh. …. L-artikolu l-lum numerat 263(1) kellu zewg emendi-… dik tal-Ordinanza IX tal-1859…..ghaliex kien bl-art. 18 taghha li gew introdotti fid-disposizzjoni l-kliem "o di fare altro lucro". Ghalhekk hu cerat li sa meta ma gietx l-emenda tal-1859, il-lokuzzjoni tal-epoka keinet "denaro od altro ogetto" jew "robe"- haga certament ta' valur patrimonjali materjali; tant li fil-Progett il-piena kienet gradwata skond il-valur;;*

*Il-problema guridika ghalhekk hu x'inhu s-sens tal-kliem aggunti bl-Ordnanza tal-1859 " o di fare altro lucro….", jew ahjar tal-kelma "lucro"…. Il-kelma "lucro" hi definita bhala "guadagno", li hi l-kelma "gain" fit-test Ingliz…. U l-istess jibqa' dan is-sens materjali tal-kelma anki jekk wiehed jiehu l-ezempju estrem tal-uzu taghha fit-Terenzio "Quid mihi lucre est te fallere?" (Che guadagno c'ho io dall-ingannarti?"). ma jinstabx uzu tal-kelma f'sens ta' godiment jew sodisfazzjoni personali jew morali; …. Ghandu jigi osservat ukoll li fil-ligi taghna hemm kontemplata l-minaccia li wiehed jakkuza lil hadd iehor minn delitt, bhala rikatt, u hemm anke kontemplat il-kaz ta' akkuza kalunnjuza effettiva; u f'dan il-kaz ta' kalunnja jinghad, fl-art.99(a) tal-Kodici Malti – "Meta d-delitt isir bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra…"; u ma hux facli li wiehed isib raguni ghaliex, meta ssir il-minaccia biss ta' akkuza (rikatt), hu bizzejjed anki godiment kwalunkwe, anke mhux materjali, mentri, meta hemm il-kalunnja effettiva, allura l-iskop hu limitat ghal flus jew haga materjali.*

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Vella**[21] qalet dan dwar l-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali:

Dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat funditus mill-kompjant Imhallef W. harding fis-sentenza in re. "**Il-Pulizija vs Edgar Apap**[22]" fejn gew anke kkunsidrati l-import tal-kliem 'qliegh' fil-kuntest ta' dan l-artikolu. Jidher illi l-origini ta' dan l-artikolu huwa xi ftit oskur kif gie spjegat fl-imsemmija sentenza, però ma hemmx dubju illi wiehed mill-elementi principali ta' dan ir-reat huwa illi

[20] Dec. 13.04.1957 – Kollez. XLI.IV.1378
[21] Onor Imhallef Dr. Carmel A. Agius; Deciza 28 ta' Lulju, 1988

[22] Deciz fit-13 ta' April, 1957

min jikkommettieh irid ikun hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha mala fama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh u li inoltre dan it-theddid irid ikun akkompanjat bl-element intenzjonali specifiku u cioè li l-hati jrid ikollu l-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qligh bhala rizultat ta' dik it-theddida.

Ssir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismsijiet **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry**[23]:

*Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill-vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga.*

Illi fil-kawza **il-Pulizija vs Edgar Apap** [24] il-Qorti kienet studjat funditus l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:

---

[23] Deciza 09.01.2014; Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor Magistrat Dr Edwina Grima

[24] Ibid (n 22)

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu rrikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna."*[25]

……Konsegwentement l-intenzjoni wara r-rikatt jew it-theddida hija li l-malvivent igieghel lill-vittma tieghu jaghmel xi haga li altrimenti ma kienx ser jaghmel billi ibezzghu b'minacca ta' hsara li tista' tigri lill-vittma tieghu jekk ma jaghmilx dak illi irid igieghlu jaghmel. Fil-fatt is-sub-inciz (2) ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi tipprevedi zieda fil-piena meta ir-rikattatur jirnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

Din is-sentenza giet citata f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia:**[26]

Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat in ezami mhux necessarju li jigi pruvat li l-imputat ried jaghmel xi gwadan patrimonjali ghaliex jista' jissussisti r-reat, kien x'kien l-iskop li ried jilhaq l-imputat b'l-agir tieghu; dan naturalment jekk jigu pruvati l-elementi l-ohra rikjesti biex jissussisti r-reat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun li jiehu flus minghand il-kwerelant a bazi ta' gidba u cioe' li huwa taqqal lil Pauline Pisani. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa u cioe' li hedded lil Galea li kien ser jahraqlu daru u l- karozza biex jilhaq dan il-ghan li jgieghlu jghatih il-flus meta ma keinx intitolat ghalihom.

Ill kif rikjest l-artikolu 250 fuq kwotat l-akkuzat lahaq l-iskop tieghu u cioe' li jakkwista flus minghand il-kwerelant meta ma kellux jedd ghalihom billi heddu u kien a bazi ta' dan it theddid li Galea spicca tah il-flus u ipprezenta il--kwerela wara

[25] Laqgha tas-17 ta' Ottubru, 2001

[26] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Deciza 26.03.2015 per Onor Magistrat Dr Doreen Clarke

li hu ua familtu ma setghux jghixu aktar fil-paci minhabba l-agir kontinwu u abbusiv tal- akkzuat.

Illi ma hemmx dubbju li kien l-akkuzat flimkien ma terza persuna li sabiex ighamel qliegh minn fuq l-kwerealnt gieghlu itih flus f diversi okazjonijiet u minhabba dan l-agir u theddid bil fomm u anke f okkazjoni wahda b'gebla wassal lill-kwerelant jirrilaxxja dawk il-flejjes kif deskritti minnu fl-ammont globali ta' €2443.

Ghalhekk l-eweel Qorrti a bazi tal-provi mismugha minnha kienet korretta fil-guidizzju li waslet ghalih u cioe' li ssib lill-akkuzat hati tar- reat ta' rikatt.

Dwar l-akkuza l-ohra u cioe' li l-appellant ghex ghex ghal kollox jew in-arti minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna kif dispota fl-artikolu 7 (1) tal-kapitolu 63 tal-ligjiet ta' Malta . Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax sodisfacentement illi l-appellant kellu sehem attiv fl-esercizzju tal-prostituzzjoni u ghalhekk jista' jkun ukoll illi ma rrceviex flus minn din l-attivita' esercitata ma l-appellanti l-ohra. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi kien konxju ta' dak li kien qed isir pero' dan ma ifissirx li kien qed ighix ghal kollox jew in parti fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni tal-persuna ta' Pauline Pisani. Illi mill-provi prodotti jirrizuta li din l-attivita' kienet xi haga ta' darba fir-rigward ta' Noel Galea u l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi ohra sabeix tindika li in effetti Pauline Pisani kient taqla' l-ghajxien taghha mill-proseitutzzjoni u tghaddi dawn il-flejjes lill-appellant u ghalhekk fir-rigward ta' din l-akkuza l-Qorti hija tal-fehma li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti ma keinx wiehed 'safe u satisfactory' u ghalhekk qed tilliberah minnha.

Dwar il-hames akkzua u cioe' li hu recidiv jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-ewwel akkzua ta' rikatt moghtija fil-konfornt tieghu tirrizulta provata. Issa l-Ispetur Louise Calleja pprezentat zewg sentenzi li inghtaw minn dawn il-Qrati dok LC 1 u LC 2 li huma *res gudikata* liema sentenzi inghataw mill-Qrati tal- Magistrati nhar id-19 ta' Ottubru, 2005 (fol. 8) u nhar il-11 ta' Mejju, 2005 sentejn qabel ma gie kommess ir-reat ta' rikatt taht esami. Fis-sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2005 l-appellant kien

instab hati tar reat ta' pusess ta' droga pero' kien inghata probation u ghalhekk ai fini tar-recidiva din ma tghoddx. Fir-rigward tas-sentenza l-ohra tal-11 ta' Mejju, 2005 l-appellant kien instab hati tar- reat ta' serq u gie kkundannat prigunerija ghall-perijdou ta' sena u nofs. Din is-sentenza giet ikkonfermata mis-Supretendent Gatt fil-konfront tal-appellant u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-appellant ghandu jigi trattat bhala recidiv ai termini tal artikolu 49 tal- kap 9 tal-ligjiet ta' Malta .

Ghalhekk din il-Qorti qeda tvarja is-senenza appellata fis-sens li qed tikkonfermaha fir-rigward dawk l-akkuzi li jikkoncernaw ir-reat ta' rikatt u ir-recidiva u tiddikjara li mhux qed issibu hati tar-raba akkuza u cioe' li ghex minn fuq il-prostituzzjoni ta' persuna ohra minn liema akkzua qed tilliberah.

Dwar il-piena jinghad li stante li hemm varjazzjoni fir-rigward tal-akkuzi li din il-Qorti qed issib lill-appellant hati u cioe' li ma hux qed issibu hati tar-raba' akkzua kif del resto sabithu l-ewwel Qorti irid ikun hemm ukoll temperament fil-piena biex jirrifletti din is-sitwazjoni.

Il-Qorti rat li l-appellant fit-tieni aggravju tieghu staqrr li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccesiva. Jinghad li r-reat ta' rikatt wahdu igib piena ta' bejn sena u erba snin. L-appellant qed jinstab hati li hu recidiv. Il-fedina penali tieghu hija wahda refrettarja hafna b'diversi reati registrati fuqha u minkejja li inghata sentenzi ta' prigunerija ma tghallimx minn dawk l-esperjenzi tant li rega' qieghed il-Qorti ghaliex kiser dufrejgh mal-gustizzja. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti qeda tiddikjara li qeda tikkonferma dik il-parti ta' l-ewwel sentenza fejn sabitu hati tar-reat ta' rikatt u talli hu recidiv izda mhux f'dik il-parti fejn sabitu hati tar- reat li ghex fuq il-prostituzzjoni ta' terza persuna minn liema akkuza qed tilliberah. Izda qeda tirriforma il-piena inflitta billi qed tikkundanna lill-appellant ghal sentejn u tmien xhur prigunerija minflok tlett snin.

In oltre fir-rigward tal-hames akkuza u cioe' li huwa kiser l-Ordni tal Probabtion moghti lilu b'sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti meta ittratat mill-gdid mal-appellant dwar ir-reat meta inghata l-Ordni tal-Probabtion billi qed tikkonferma id-decisjoni taghha li tirrevoka l-Ordni tal- Probabtion ai termini tal-artikolu 23(a)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tikkonferma l-multa imposta mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha fl-ammont ta' € 750 euros

Qeda ukoll tordna lill-appellant ihallas nofs is-somma li huwa ircieva minghand Noel Galea u cioe' l-ammont ta' € 1,222 rappresentanti il-gwadann illecitu li huwa ghamel minn fuq Noel Galea u dan fi zmien sentejn mill illum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur